KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
BOBEK
ippreżentati fid-9 ta' Lulju 2020 [1]

**Kawża C-463/19**

**Syndicat CFTC du personnel de la Caisse primaire d'assurance maladie de la Moselle**
**vs**
**Caisse primaire d'assurance maladie de la Moselle,**
**intervenjenti:**
**Mission nationale de contrôle et d'audit des organismes de sécurité sociale**

(talba għal deċiżjoni preliminari mill-Conseil de prud'hommes de Metz (il-Qorti Industrijali ta' Metz, Franza))

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Politika soċjali – Direttiva 2006/54/KE – Ugwaljanza fit-trattament bejn il-ħaddiema rġiel u l-ħaddiema nisa – Leave addizzjonali mogħti bi ftehim kollettiv wara l-perijodu legali tal-leave tal-maternità – Assenza ta' dritt għal-leave addizzjonali għall-ħaddiema rġiel – Dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni tal-mara, b'mod partikolari fir-rigward tat-tqala u tal-maternità"

## I. Introduzzjoni

1. Skont il-Ftehim Kollettiv Franċiż għall-Persunal tal-Korpi tas-Sigurtà Soċjali, it-tul taż-żmien tal-leave tal-maternità legali jista' jiġi estiż għal perijodu addizzjonali. Dan il-leave addizzjonali, irriżervat esklużivament għan-nisa, jista' jkun għal perijodu ta' xahar u nofs, b'paga sħiħa; ta' tliet xhur, b'nofs paga; jew ta' sena mingħajr paga. Hemm ukoll il-possibbiltà li l-leave addizzjonali jiġġedded, taħt ċerti ċirkustanzi, għal sena addizzjonali mingħajr paga.

2. Fil-kawża prinċipali, organizzazzjoni sindakali ressqet rikors f'isem impjegat raġel ta' korp tas-sigurtà soċjali. Dan l-impjegat, li huwa missier ta' tifla żgħira, applika għal-leave addizjonali. It-talba tiegħu ġiet miċħuda fuq il-bażi li huwa raġel. L-organizzazzjoni sindakali issa qiegħda ssostni quddiem il-qorti nazzjonali li tali ċaħda hija diskriminatorja.

3. Fl-1984, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet fis-sentenza Hofmann li Stat Membru jista', wara li perijodu legali ta' leave tal-maternità jkun skada, jirriżerva perijodu addizzjonali ta' leave tal-maternità għan-nisa [2]. Madankollu, fid-dawl tal-bidliet soċjali u legali sostanzjali matul l-aħħar

[1] Lingwa oriġinali: l-Ingliż.

[2] Sentenza tat-12 ta' Lulju 1984, Hofmann (184/83, EU:C:1984:273).

40 sena, inklużi żviluppi kbar fl-oqsma relatati tad-dritt u tal-politika soċjali tal-Unjoni, dawn il-konklużjonijiet jissuġġerixxu li hemm il-ħtieġa li jiżdiedu limiti għall-ftuħ inizjali li sar fis-sentenza Hofmann. Wasal iż-żmien għal aġġornament.

## II. Il-kuntest ġuridiku

### *A. Id-dritt tal-Unjoni*

4. Il-premessa 24 tad-Direttiva 2006/54/KE[3] taqra hekk: "Il-Qorti tal-Ġustizzja konsistement irrikkonoxxiet il-leġittimità, rigward il-prinċipju tat-trattament ugwali, li jipproteġi l-kondizzjoni bijoloġika tal-mara waqt it-tqala u l-maternità, u li jiġu introdotti miżuri ta' protezzjoni għall-maternità bħala mezz biex tintlaħaq ugwaljanza sostanzjali. Din id-Direttiva għandha għalhekk tkun bla preġudizzju għad-Direttiva tal-Kunsill 92/85/KEE tad-19 ta' Ottubru 1992 dwar l-introduzzjoni ta' mizuri biex jinkoraġġixxu t-titjib fis-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol għall-ħaddiema nisa tqal u ħaddiema li welldu reċentement, jew li qed ireddgħu[4]. Din id-Direttiva għandha wkoll tkun mingħajr preġudizzju għad-Direttiva tal-Kunsill 96/34/KE tat-3 ta' Ġunju 1996 dwar il-ftehim qafas fuq il-leave tal-ġenituri konkluż bejn l-UNICE, s-CEEP u l-ETUC[5]."

5. Skont l-Artikolu 1 tad-Direttiva 2006/54:

"L-għan ta' din id-Direttiva huwa li jiġi żgurat li jkun implimentat il-prinċipju ta' opportunitajiet indaqs u trattament ugwali ta' l-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' impjiegi u xogħol.

Għal dan il-għan, hi fiha dispożizzjonijiet biex jiġi implimentat il-prinċipju ta' trattament ugwali f'relazzjoni ma':

[…]

(b) il-kondizzjonijiet tax-xogħol, inkluża l-paga;

[…]"

6. L-Artikolu 2(1)(a) tad-Direttiva 2006/54 jiddefinixxi d-diskrimazzjoni diretta, għall-finijiet ta' din id-direttiva, bħala sitwazzjoni "fejn persuna waħda tiġi trattata minħabba s-sess b'mod inqas favorevoli minn kif tiġi trattata, ġiet trattata jew kieku tiġi trattata persuna oħra f'sitwazzjoni komparabbli".

7. Skont l-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 2006/54, "[m]'għandu jkun hemm l-ebda diskriminazzjoni diretta jew indiretta minħabba s-sess fis-settur pubbliku jew f'dak privat, inklużi l-korpi pubbliċi, b'relazzjoni għal:

[…]

[3] Direttiva 2006/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' opportunaitajiet indaqs u ta' trattament ugwali ta' l-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' impjiegi u xogħol (tfassil mill-ġdid) (ĠU 2006, L 204, p. 23).

[4] ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 2, p. 110.

[5] ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 2, p. 285. Direttiva kif emendata bid-Direttiva 97/75/KE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 3, p. 263).

(ċ) Impjieg u l-kondizzjonijiet tax-xogħol, inlużi sensji, kif ukoll paga kif previst fl-Artikolu 141 tat-Trattat;

[…]"

8. Skont l-Artikolu 28 tad-Direttiva 2006/54:

"1. Din id-Direttiva għandha tkun bla preġudizzju għad-dispozizzjonijiet dwar il-protezzjoni tan-nisa, partikolarment fir-rigward tat-tqala u l-maternità.

2. Din id-Direttiva għandha tkun bla preġudizzju għad-dispozizzjonijiet tad-Direttiva 96/34/KE u d-Direttiva 92/85/KEE."

### *B. Id-dritt Franċiż*

#### *1. Il-Kodiċi tax-Xogħol*

9. L-Artikolu L 1225-17 tal-Code du travail (il-Kodiċi tax-Xogħol) jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet legali applikabbli għal-leave tal-maternità taħt ċirkustanzi ordinarji:

"Impjegata mara hija intitolata għal-leave tal-maternità għal perijodu li għandu jibda 6 ġimgħat qabel id-data mistennija għall-ħlas u jintemm għaxar ġimgħat wara din id-data.

Fuq talba tal-impjegata mara u suġġetta għall-opinjoni favorevoli tal-professjonist fil-kura tas-saħħa li jkun qiegħed jissorvelja t-tqala, il-perijodu ta' sospensjoni tal-kuntratt ta' xogħol li għandu jibda qabel id-data mistennjia għall-ħlas jista' jitnaqqas b'perijodu massimu ta' tliet ġimgħat. Il-perijodu sussegwenti għad-data mistennija għall-ħlas għandu mbagħad jiżdied bl-istess ammont ta' żmien.

Meta impjegata mara tkun iddiferiet parti mil-leave tal-maternità għal wara t-twelid tal-wild u tabib ikun ippreskrivielha waqfien mix-xogħol matul il-perijodu qabel id-data mistennija għall-ħlas, dan id-differiment għandu jiġi annullat u l-perijodu ta' sospensjoni tal-kuntratt ta' xogħol għandu jitnaqqas mill-ewwel jum tal-waqfien mix-xogħol. Il-perijodu inizjalment iddiferit għandu jitnaqqas bl-istess ammont ta' żmien."

10. L-Artikoli L 1225-18 sa L 1225-23 tal-Kodiċi tax-Xogħol jadattaw it-tul tal-leave tal-maternità għal ċirkustanzi speċifiċi differenti.

#### *2. Ftehim Kollettiv Nazzjonali ta' Xogħol għall-Persunal tal-Korpi tas-Sigurtà Soċjali*

11. It-Taqsima L tal-Convention collective nationale de travail du personnel des organismes de sécurité sociale (il-Ftehim Kollettiv Nazzjonali ta' Xogħol għall-Persunal tal-Korpi tas-Sigurtà Soċjali, iktar 'il quddiem iċ-"CCN"), tat-8 ta' Frar 1957, hija intitolata "Leave tal-maternità". L-Artikoli 45 u 46 huma inklużi f'din it-taqsima.

12. Skont l-Artikolu 45 taċ-CCN "[m]atul il-leave tal-maternità legali, il-membri tal-persunal li għandhom mill-inqas sitt xhur anzjanità għandhom jibqgħu jiċievu s-salarju. Dan ma jistax jiġi akkumulat ma' allowances ta' kuljum dovuti lill-membri tal-persunal bħala persuni assigurati.

Dan il-leave ma għandux jittieħed inkunsiderazzjoni għad-dritt għal-leave tal-mard u ma jista' jwassal għal ebda tnaqqis fit-tul tal-leave annwali."

13. L-Artikolu 46 taċ-CCN jaqra kif ġej:

"Mal-iskadenza tal-leave previst fl-artikolu preċedenti, impjegata li tkun qiegħda trabbi hija stess il-wild hija intitolata suċċessivament għal:

– tliet xhur leave b'nofs paga, jew xahar u nofs leave b'paga sħiħa;

– sena leave mingħajr paga.

Madankollu, meta l-impjegata tkun mara waħedha jew meta l-konjuġi jew is-sieħeb tagħha jkun imċaħħad mir-riżorsi abitwali tiegħu (invalidità, mard fit-tul, servizz militari), hija għandha tkun intitolata għal tliet xhur leave b'paga sħiħa.

Mal-iskadenza tal-leave previst hawn fuq, il-benefiċjarja għandha tiġi reintegrata b'mod sħiħ fl-impjieg tagħha.

B'mod eċċezzjonali, il-bord ta' ġestjoni jista' jagħti sena oħra ta' leave mingħajr paga. F'dan il-każ, l-impjegata għandha tiġi reintegrata biss suġġett għall-karigi disponibbli, li għalihom għandha jkollha prijorità, fi ħdan l-organizzazzjoni tagħha jew f'organizzazzjoni oħra, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 16 iktar 'il fuq.

Meta l-imsemmi leave jiġġedded, il-bord ta' ġestjoni jista', f'każijiet speċifiċi, jieħu impenn formali għar-reintegrazzjoni immedjata.

Leave mingħajr paga, kopert minn dan l-artikolu, għandu jkollu l-istess effetti bħal-leave previst fl-Artikolu 40 iktar 'il fuq fir-rigward tad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim preżenti u tal-iskema tal-pensjoni."

## III. Il-fatti, il-proċedura u d-domandi preliminari

14. Permezz ta' rikors tas-27 ta' Diċembru 2017, il-Confédération française des travailleurs chrétiens (il-Konfederazzjoni Franċiża ta' Ħaddiema Nsara, iktar 'il quddiem iċ-"CFTC") tal-Caisse primaire d'assurance maladie de la moselle (il-Fond Lokali ta' Assigurazzjoni għall-Mard tal-Moselle, iktar 'il quddiem iċ-"CPAM") ressqet proċeduri legali quddiem il-Conseil de prud'hommes de Metz (il-Qorti Industrijali ta' Metz, Franza, iktar 'il quddiem il-"Qorti Industrijali") kontra ċ-CPAM.

15. Iċ-CFTC qiegħda taġixxi f'isem impjegata waħda taċ-CPAM, ħaddiem raġel li huwa l-missier ta' tifla żgħira. Huwa kien applika għal-leave addizzjonali[6] previst fl-Artikolu 46 taċ-CCN. Dan il-benefiċċju ġie miċħud lilu miċ-CPAM għaliex dan id-dritt huwa rriżervat għan-nisa biss.

[6] Nota fuq it-terminoloġija: il-Gvern Franċiż u ċ-CPAM jirreferu għal-leave mogħti skont l-Artikolu 46 taċ-CCN bħala "leave tal-maternità" addizzjonali. Iċ-CFTC tirreferi għalih bħala "congé d'éducation" (leave għal edukazzjoni). Peress li għażla terminoloġika bħal din għandha implikazzjonijiet għall-mertu ta' din il-kawża, ser nirreferi għal-leave mogħti skont l-Artikolu 46 taċ-CCN f'termini newtrali, u ser insejjaħlu "leave addizzjonali" f'dawn il-konklużjonijiet.

16. Iċ-CFTC tablet liċ-CPAM sabiex jestendi l-Artikolu 46 taċ-CCN sabiex jinkludi impjegati rġiel. Iċ-CPAM wieġeb li "l-applikazzjoni letterali tal-Artikolu 46 timplika li l-leave tal-maternità kuntrattwali jingħata biss lill-omm (il-kelma "impjegata" hija fil-forma femminili). Għaldaqstant il-missier ma huwiex intitolat għal leave tal-maternità. Dan l-artikolu ma huwiex diskriminatorju sa fejn l-Artikolu 46 huwa anċillari għall-Artikolu 45 li jirrigwarda lin-nisa biss. Peress li raġel ma huwiex intitolat jibbenefika mill-Artikolu 45, ma jistax jibbenefika mill-Artikolu 46."

17. Quddiem il-Qorti Industrijali, iċ-CFTC talbet li ċ-ċaħda taċ-CPAM li jagħti lill-impjegat tiegħu leave skont l-Artikolu 46 taċ-CCN tiġi ddikjarata mhux infurzabbli għaliex kienet diskriminatorja; tordna liċ-CPAM iħallas kumpens għall-ammont ta' EUR 4 661.83 lill-impjegat tiegħu; u tordna liċ-CPAM jipprovdi aġġustament tas-salarju fir-rigward tas-sena finanzjarja 2016 bl-istess mod li dan japplika għal impjegati tal-organizzazzjoni li jibbenefikaw mill-Artikolu 46 taċ-CCN.

18. Iċ-CPAM wieġeb li l-Qorti Industrijali għandha tiddikjara t-talbiet kollha taċ-CFTC bħala inammissibbli u, sussidjarjament, tiddikjara li ċ-ċaħda taċ-CPAM li jagħti lill-impjegat tiegħu l-leave previst fl-Artikolu 46 taċ-CCN ma hija bl-ebda mod diskriminatorja u tiċħad it-talbiet l-oħra ppreżentati miċ-CFTC.

19. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Conseil de prud'hommes de Metz (il-Qorti Industrijali ta' Metz, Franza) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari li ġejja:

"Id-Direttiva [2006/54] moqrija fid-dawl tal-Artikoli 8 u 157 TFUE, tal-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni tat-trattament ugwali u tal-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni u tal-Artikoli 20, 21(1) u 23 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni, għandha tiġi interpretata fis-sens li teskludi mill-kamp ta' applikazzjoni materjali tagħha, id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 46 tal-Ftehim Kollettiv Nazzjonali Franċiż tal-Korpi tas-Sigurtà Soċjali, li jirriżerva lill-impjegati nisa tal-imsemmija korpi li jrabbu lit-tfal tagħhom huma stess, leave ta' tliet xhur b'nofs paga jew leave ta' xahar u nofs b'paga sħiħa u leave mingħajr paga ta' sena, wara l-leave tal-maternità?"

20. Osservazzjonijiet bil-miktub ġew ippreżentati miċ-CFTC, miċ-CPAM, mill-Gvern Franċiż u dak Portugiż, kif ukoll mill-Kummissjoni Ewropea.

## IV. Analiżi

21. F'dawn il-konklużjonijiet, l-ewwel nett ser nindirizza l-oġġezzjonijiet għall-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja u għall-ammissibbiltà tad-domanda preliminari mqajma mill-partijiet ikkonċernati (A). It-tieni nett, ser nipproċedi għall-interpretazzjoni tal-Artikoli 14(1) u 28(1) tad-Direttiva 2006/54, sabiex il-qorti nazzjonali tkun tista' tevalwa l-kompatibbiltà tal-Artikolu 46 taċ-CCN ma' dawk id-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni (B).

### *A. Ġurisdizzjoni u ammissibbiltà*

22. Iċ-CPAM sostna li l-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex *ġurisdizzjoni* fil-kawża preżenti. Huwa ssuġġerixxa li l-qorti tar-rinviju fil-fatt għandha l-għan li tikseb "invalidazzjoni supranazzjonali" tad-dispożizzjonijiet nazzjonali inkwistjoni u li r-rinviju għal deċiżjoni preliminari la jikkonċerna

l-interpretazzjoni u lanqas il-validità tar-regoli tad-dritt tal-Unjoni. Huwa jsostni li l-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex ġurisdizzjoni sabiex tivverifika l-kompatibbiltà ta' dispożizzjonijiet nazzjonali mad-dritt tal-Unjoni u li tinterpreta d-dritt nazzjonali.

23. Ċertament, il-konstatazzjoni formali (potenzjali) ta' inkompatibbiltà ta' regoli nazzjonali mad-dritt tal-Unjoni fil-kawża individwali quddiem il-qorti tar-rinviju tappartjeni lil dik il-qorti. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha u dejjem kellha l-ġurisdizzjoni li tipprovdi gwida lill-qorti nazzjonali dwar l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni meħtieġa sabiex tippermetti lill-qrati nazzjonali jiddeċiedu dwar il-kompatibbiltà ta' regoli nazzjonali mad-dritt tal-Unjoni [7].

24. Fir-rigward tal-*ammissibbiltà* tad-domanda preliminari, il-Gvern Franċiż indika li d-digriet tar-rinviju ma huwiex konformi ma' xi wħud mir-rekwiżiti tal-Artikolu 94 tar-Regoli tal-Proċedura. Dan għar-raġuni li d-digriet tar-rinviju ma fihx ir-raġunijiet li wasslu lill-qorti tar-rinviju sabiex tagħmel id-domanda, peress li dik il-qorti llimitat ruħha li tirriproduċi l-osservazzjonijiet tal-partijiet fil-kawża prinċipali. Barra minn hekk, il-qorti tar-rinviju ċċitat numru ta' dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni fid-domanda preliminari mingħajr ma pprovdiet l-ebda spjegazzjoni dwar il-konnessjoni tagħhom mal-kawża preżenti. Dan huwa l-każ għall-Artikoli 8 u 157 TFUE, kif ukoll għall-Artikoli 20, 21 u 23 tal-Karta.

25. Naqbel mal-Gvern Franċiż li d-digriet tar-rinviju huwa pjuttost konċiż. Madankollu, iż-żewġ elementi kkritikati minn dan il-Gvern jirriżultaw b'mod ċar mid-digriet ta' rinviju nnifsu. L-ewwel nett, kif jammetti l-Gvern Franċiż, ir-referenza għal u r-riproduzzjoni tal-argumenti taċ-CFTC rigward l-Artikolu 46 taċ-CCN u l-kompatibbiltà tiegħu mad-Direttiva 2006/54 jagħmlu r-raġunijiet għaliex il-qorti tar-rinviju qieset li kien neċessarju li tagħmel domanda preliminari pjuttost ċari. Barra minn hekk, l-għan ewlieni tad-domanda preliminari hija l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Direttiva 2006/54. L-Artikoli 8 u157 TFUE, kif ukoll l-Artikoli 20, 21 u 23 tal-Karta, huma ċċitati biss bħala dispożizzjonijiet *fid-dawl ta' liema* l-qorti nazzjonali tistieden lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex potenzjalment tinterpreta din id-direttiva. Din hija, b'xi mod, prattika komuni li ftit li xejn teħtieġ elaborazzjoni argumentattiva separata.

26. Għaldaqstant, fil-fehma tiegħi, il-Qorti tal-Ġustizzja tiddisponi, fil-kawża preżenti, mill-elementi kollha meħtieġa sabiex tagħti risposta utli lill-qorti tar-rinviju. L-oġġezzjonijiet imqajma rigward il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja u l-ammissibbiltà tad-domanda preliminari għandhom jiġu miċħuda.

### *B. Fuq il-mertu*

27. Il-Qorti Industrijali tistaqsi jekk id-Direttiva 2006/54 għandhiex tiġi interpretata fis-sens li l-leave addizzjonali previst fl-Artikolu 46 taċ-CCN *huwa eskluż* mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva.

28. Jekk din id-domanda kellha tinftiehem fis-sens li qiegħed jiġi mistoqsi jekk il-leave addizzjonali taħt l-Artikolu 46 taċ-CCN jaqax jew le taħt il-kamp ta' applikazzjoni (materjali) tad-Direttiva, mela naqbel mal-Kummissjoni li l-mistoqsija tista' tingħata risposta b'mod pjuttost sempliċi. L-Artikolu 46 taċ-CCN jirregola leave addizzjonali li għandu jittieħed wara l-perijodu ta'

7 Ara, pereżempju, is-sentenza tas-16 ta' Lulju 2015, CHEZ Razpredelenie Bulgaria (C-83/14, EU:C:2015:480, punt 62 u l-ġurisprudenza ċċitata).

leave tal-maternità legali. Għaldaqstant, jidher b'mod ċar li l-kundizzjonijiet għall-għoti ta' leave bħal dan jaqgħu fi ħdan il-kundizzjonijiet ta' impjieg u ta' xogħol imsemmija fl-Artikoli 1(b) u 14(1)(ċ) tad-Direttiva 2006/54[8].

29. Madankollu, mill-kuntest tad-digriet tar-rinviju, kif mifhum ukoll b'mod ċar mill-partijiet ikkonċernati kollha li ppreżentaw osservazzjonijiet quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, dak li l-qorti tar-rinviju tixtieq tkun taf huwa jekk id-Direttiva 2006/54 u, b'mod partikolari, l-Artikoli 14(1) u 28(1) tagħha, għandhomx jiġu interpretati fis-sens li *jipprekludu* dispożizzjoni nazzjonali bħal ma huwa l-Artikolu 46 taċ-CCN, li jirriżerva għal impjegati nisa, wara l-perijodu legali ta' leave tal-maternità, leave addizzjonali ta' xahar u nofs b'paga sħiħa, ta' tliet xhur b'nofs paga, jew ta' sena mingħajr paga. Għaldaqstant, bi qbil mal-Kummissjoni, jiena wkoll nqis li l-formulazzjoni mill-ġdid tad-domanda preliminari hija neċessarja fil-kawża preżenti.

30. Fl-għoti tar-risposta għad-domanda kif ifformulata mill-ġdid, ser nibda billi nistabbilixxi l-kuntest ġuridiku applikabbli tal-Unjoni (1). Sussegwentement, ser neżamina s-sentenza Hofmann (2) u l-evoluzzjoni soċjali u leġiżlattiva wara s-sentenza Hofmann (3). Fid-dawl ta' dawn l-elementi, ser nipproponi sussegwentement xi kriterji ta' delimitazzjoni sabiex jiġi ddeterminat jekk miżura nazzjonali hijiex koperta bl-"eċċezzjoni tat-tqala u tal-maternità" tal-Artikolu 28(1) tad-Direttiva 2006/54 (4). Finalment, ser noffri xi indikazzjonijiet dwar l-applikazzjoni ta' dawn il-kriterji fiċ-ċirkustanzi tal-kawża preżenti, li tabilħaqq, fl-aħħar mill-aħħar, hija l-qorti nazzjonali li għandha tiddeċiedi dwarhom (5).

### *1. Il-kuntest ġuridiku tal-Unjoni*

31. L-Artikolu 14(1)(ċ) tad-Direttiva 2006/54 jipprojbixxi diskriminazzjoni diretta bbażata fuq is-sess fis-setturi pubbliċi jew privati, inklużi korpi pubbliċi, b'relazzjoni għall-impjieg u għall-kundizzjonijiet tax-xogħol. Dawn il-kundizzjonijiet tax-xogħol jinkludu perijodu ta' leave mogħti fl-okkażjoni tat-twelid ta' wild.

32. L-Artikolu 2(1)(a) tad-Direttiva 2006/54 jiddeffinixxi d-diskriminazzjoni diretta, għall-finijiet ta' din id-direttiva, bħala sitwazzjoni "fejn persuna waħda tiġi trattata minħabba s-sess b'mod inqas favorevoli minn kif tiġi trattata, ġiet trattata jew kieku tiġi trattata persuna oħra f'sitwazzjoni komparabbli".

33. Ma huwiex ikkontestat li, fil-kawża preżenti, l-Artikolu 46 taċ-CCN jistabbilixxi trattament inqas favorevoli għall-ħaddiema rġiel. Il-leave addizzjonali mogħti minn din id-dispożizzjoni huwa espressament u esklużivament irriżervat għall-impjegati nisa.

34. Peress li l-kawża preżenti tirrigwarda każ ta' diskriminazzjoni diretta, l-ebda ġustifikazzjoni ma hija permissibbli, kif inhuwa l-każ fir-rigward tad-diskriminazzjoni indiretta skont l-Artikolu 2(1)(b) tad-Direttiva 2006/54. Għaldaqstant, għad irid jiġi stabbilit jekk ħaddiema rġiel u nisa jistgħux jitqiesu li huma *f'sitwazzjoni komparabbli* għall-finijiet tal-leave inkwistjoni.

35. It-tqala, il-ħlas u l-perijodu wara l-ħlas ġew irrikonoxxuti mill-Qorti tal-Ġustizzja bħala sitwazzjonijiet li fihom l-irġiel u n-nisa ma humiex paragunabbli. B'mod partikolari, fir-rigward tal-leave tal-maternità, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li "ħaddiema tqal u ħaddiema li welldu

[8] Ara, bl-istess mod, għal dak li jirrigwarda l-klassifikazzjoni tal-leave parentali bħala "kundizzjoni tax-xogħol" fis-sens tal-Artikolu 14(1)(ċ) tad-Direttiva 2006/54, peress li l-għoti tiegħu "li jippermetti lill-ġenituri ġodda li jinterrompu l-attività professjonali tagħhom sabiex jikkonċentraw fuq ir-responsabbiltajiet tal-familja tagħhom, jaffettwa l-eżerċizzju tal-attività professjonali tal-uffiċjali pubbliċi kkonċernati", is-sentenza tas-16 ta' Lulju 2015, Maïstrellis (C-222/14, EU:C:2015:473, punt 45).

reċentment jew li qegħdin ireddgħu jinsabu f'sitwazzjoni speċifika ta' vulnerabbiltà li teżiġi li jingħatalhom id-dritt għal-leave tal-maternità […]" u, bħala konsegwenza, ikkonkludiet li n-nisa matul dan il-leave ma jistgħux jiġu mqabbla ma' rġiel jew nisa fuq il-leave tal-mard[9], jew ma' rġiel jew nisa li effettivament jkunu qegħdin jaħdmu[10].

36. Huwa f'dan il-kuntest li l-Artikolu 28 tad-Direttiva 2006/54 jiddikjara, fl-ewwel subparagrafu tiegħu, li d-direttiva hija bla ħsara għal dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni tan-nisa, b'mod partikolari fir-rigward tat-tqala u tal-maternità. Barra minn hekk, l-Artikolu 28(2) jiddikjara wkoll li d-direttiva hija bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 96/34[11] u tad-Direttiva 92/85, li jirregolaw, rispettivament, id-dritt għal-leave parentali, u l-miżuri differenti għall-protezzjoni tal-ħaddiema tqal, li welldu reċentement jew li qegħdin ireddgħu. Barra minn hekk, il-leġittimità li tiġi protetta l-kundizzjoni bijoloġika tal-mara waqt it-tqala u l-maternità u li jiġu introdotti miżuri ta' protezzjoni għall-maternità huma indikati fil-premessa 24 tad-Direttiva 2006/54 bħala mezz biex tinkiseb ugwaljanza sostanzjali.

37. F'dan l-isfond, jidher li ma huwiex ikkontestat li l-Istati Membri huma intitolati li jirriżervaw il-perijodu ta' leave tal-maternità ta' *mill-inqas* 14-il ġimgħa, kif irregolat bl-Artikolu 8 tad-Direttiva 92/85, għan-nisa.

## 2. *Hofmann*

38. Il-kawża preżenti tirrigwarda perijodu ta' leave li jissuplimenta l-leave tal-maternità legali stabbilit mil-leġiżlazzjoni nazzjonali. Fil-kawża preżenti, dan il-leave addizzjonali jista' jvarja bejn xahar u nofs sa sena. Huwa saħansitra jista' jiġi estiż sa sena oħra.

39. Il-kwistjoni ta' perijodi addizzjonali ta' leave mogħtija wara li jkun skada l-leave tal-maternità (legali) diġà qamet quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja fl-1983 fis-sentenza Hofmann[12]. Kemm iċ-CPAM kif ukoll il-Gvern Franċiż invokaw dik il-kawża. Iċ-ċentralità tas-sentenza Hofmann għall-finijiet tal-kawża preżenti ma hijiex ikkontestata. Analiżi ddettaljata ta' dik is-sentenza hija għalhekk iġġustifikata f'dan il-punt.

40. U. Hofmann kien impjegat raġel li kiseb leave mingħajr paga mill-persuna li timpjegah sabiex jieħu ħsieb il-wild tiegħu. Il-leġiżlazzjoni ta' dak iż-żmien fil-Ġermanja kienet tagħti perijodu protettiv legali ta' tmien ġimgħat lill-omm, wara liema kien hemm il-possibbiltà li jittieħed perijodu addizzjonali ta' leave tal-maternità sakemm il-wild jagħlaq sitt xhur, kopert minn allowance. U. Hofmann ħa leave mingħajr paga mill-persuna li timpjegah matul perijodu ekwivalenti għal dak kopert minn dan il-leave addizzjonali – li beda wara t-tmiem tat-tmien ġimgħat ta' leave tal-maternità legali, sal-jum li l-wild għalaq l-età ta' sitt xhur – filwaqt li l-omm kompliet l-impjieg tagħha. U. Hofmann ressaq talba għall-ħlas tal-allowances li kienu disponibbli għall-ommijiet matul dan il-perijodu. Dan il-ħlas ġie miċħud fuq il-bażi li l-ommijiet biss setgħu jitolbu dan il-leave tal-maternità.

9 Sentenza tas-27 ta' Ottubru 1998, Boyle and Others (C-411/96, EU:C:1998:506, punt 40).

10 Sentenzi tat-13 ta' Frar 1996, Gillespie and Others (C-342/93, EU:C:1996:46, punt 17), u tal-14 ta' Lulju 2016, Ornano (C-335/15, EU:C:2016:564, punt 39).

11 Din id-direttiva ġiet imħassra u ssostitwita bid-Direttiva tal-Kunsill 2010/18/UE tat-8 ta' Marzu 2010 li timplimenta l-Ftehim Qafas rivedut dwar il-leave tal-ġenituri konkluż minn BUSINESSEUROPE, UEAPME, CEEP u ETUC u li jħassar id-Direttiva 96/34 (ĠU 2010, L 68, p. 13). Din tal-aħħar ukoll ġiet imħassra u ssostitwita bid-Direttiva (UE) 2019/1158 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għall-ġenituri u għall-persuni li jindukraw u li tħassar id-Direttiva 2010/18 (ĠU 2019, L 188, p. 79). Il-perijodu ta' traspożizzjoni tad-direttiva tal-aħħar għadha għaddejja u din id-direttiva ma hijiex applikabbli għaċ-ċirkustanzi tal-kawża preżenti.

12 Sentenza tat-12 ta' Lulju 1984, Hofmann (184/83, EU:C:1984:273).

41. Id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja ttieħdet abbażi tal-Artikolu 2(3) tad-Direttiva 76/207/KEE [13], il-prekursur tal-Artikolu 28(1) kurrenti tad-Direttiva 2006/54, li fiha "l-eċċezzjoni tat-tqala u tal-maternità". Wara li stabbilixxiet il-leġiżlazzjoni applikabbli dak iż-żmien, il-Qorti tal-Ġustizzja nnotat li d-direttiva "ma hijiex imfassla sabiex tiddeċiedi kwistjonijiet dwar l-organizzazzjoni tal-familja, jew li tbiddel id-diviżjoni tar-responsabbiltà bejn il-ġenituri" [14].

42. Il-Qorti tal-Ġustizzja kompliet billi ddikjarat li "billi rriżervat għall-Istati Membri d-dritt li jżommu, jew jintroduċu dispożizzjonijiet li huma intiżi li jipproteġu lin-nisa fir-rigward tat-tqala u tal-maternità, id-direttiva tirrikonoxxi l-leġittimità, f'termini tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament, tal-protezzjoni tal-bżonnijiet tal-mara f'żewġ aspetti. L-ewwel nett, huwa leġittimu li tiġi żgurata l-protezzjoni tal-kundizzjoni bijoloġika ta' mara matul it-tqala u wara t-tqala sakemm il-funzjonijiet fiżjoloġiċi u mentali tagħha jkunu rritornaw għan-normal wara l-ħlas; it-tieni nett, huwa leġittimu li tiġi protetta r-relazzjoni speċjali bejn mara u l-wild tagħha matul il-perijodu ta' wara t-tqala u l-ħlas, billi jiġi evitat li dik ir-relazzjoni tiġi mfixkla mill-piżijiet multipli li jirriżultaw mit-tiftix simultanju ta' impjieg" [15].

43. Fid-dawl ta' dan il-kriterju doppju (iktar 'il quddiem it-"test Hofmann"), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, bħala prinċipju, "miżura bħal ma huwa l-leave tal-maternità mogħti lil mara mal-iskadenza tal-perijodu protettiv legali taqa' fl-ambitu tal-Artikolu 2(3) tad-Direttiva 76/207, sa fejn tfittex li tipproteġi mara fir-rigward tal-effetti tat-tqala u tal-maternità. Bħala tali, dan il-leave jista' jkun leġittimament irriżervat għall-omm bl-esklużjoni ta' kull persuna oħra, fid-dawl tal-fatt li hija biss l-omm li tista' ssib ruħha suġġetta għal pressjonijiet mhux mixtieqa li tirritorna għax-xogħol qabel iż-żmien" [16]. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat id-diskrezzjoni rriżervata mid-direttiva lill-Istati Membri, għal dak li jirrigwarda n-natura u l-arranġamenti ddettaljati tal-miżuri protettivi li għandhom jiġu adottati fir-rigward tat-tqala u tal-maternità [17].

### *3. Il-proġeni ta' Hofmann*

44. Is-sentenza Hofmann ġiet riflessa f'numru ta' kawżi sussegwenti tal-Qorti tal-Ġustizzja. Fil-fatt, it-test Hofmann, li jorbot "l-eċċezzjoni tat-tqala u tal-maternità" mal-kundizzjoni bijoloġika tan-nisa u tar-relazzjoni speċjali li teżisti bejn mara u l-wild tagħha, tkompli tidher fil-ġurisprudenza kontemporanja [18]. Pereżempju, il-kriterji tas-sentenza Hofmann kellhom rwol kruċjali fil-ġurisprudenza billi għenu sabiex tiġi stabbilita d-differenza bejn leave parentali u leave tal-maternità [19].

[13] Direttiva tal-Kunsill tad-9 ta' Frar 1976 dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali għall-irġiel u n-nisa għal dak li għandu x'jaqsam ma' l-aċċess għall-impjieg, taħriġ professjonali, promozzjoni, u l-kondizzjonijiet tax-xogħol (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 1, p. 187). L-Artikolu 2(3) sar l-Artikolu 2(7) wara li ġie emendat bid-Direttiva 2002/73/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2002 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4, p. 255).

[14] Sentenza tat-12 ta' Lulju 1984, Hofmann (184/83, EU:C:1984:273, punt 24).

[15] Sentenza tat-12 ta' Lulju 1984, Hofmann (184/83, EU:C:1984:273, punt 25).

[16] Sentenza tat-12 ta' Lulju 1984, Hofmann (184/83, EU:C:1984:273, punt 26).

[17] Sentenza tat-12 ta' Lulju 1984, Hofmann (184/83, EU:C:1984:273, punt 27).

[18] Ara, pereżempju, is-sentenzi tat-18 ta' Marzu 2014, D. (C-167/12, EU:C:2014:169, punt 34); tad-19 ta' Ottubru 2017, Otero Ramos (C-531/15, EU:C:2017:789, punt 61); jew tat-12 ta' Diċembru 2019, Instituto Nacional de la Seguridad Social (Suppliment għall-pensjoni għall-ommijiet) (C-450/18, EU:C:2019:1075, punt 56).

[19] Sentenza tas-16 ta' Ġunju 2016, Rodríguez Sánchez (C-351/14, EU:C:2016:447, punt 44). Ara wkoll is-sentenzi tal-14 ta' April 2005, Il-Kummissjoni vs Il-Lussemburgu (C-519/03, EU:C:2005:234, punt 32), u tal-4 ta' Ottubru 2018, Dicu (C-12/17, EU:C:2018:799, punt 34).

45. Madankollu, dan ma jfissirx, fil-fehma tiegħi, li perijodi addizzjonali ta' leave mogħtija wara l-perijodu legali ta' leave tal-maternità għandhom jitqiesu bħala koperti awtomatikament bl-Artikolu 28 tad-Direttiva 2006/54 mingħajr iktar stħarriġ.

46. Is-sentenza Hofmann hija siekta dwar kwalunkwe kriterji ta' delimitazzjoni dwar it-tul tal-leave annwali ġġustifikat. Hija tistabbilixxi biss żewġ raġunijiet li jiġġustifikaw leave addizzjonali bħal dan, apparentement mingħajr limiti espliċiti. Madankollu, dan is-skiet ifisser li kwalunkwe u kull perijodu ta' leave addizzjonali, ta' kwalunkwe tul jew disinn, ikun iġġustifikat?

47. Id-dispożizzjonijiet nazzjonali inkwistjoni fis-sentenza Hofmann stabbilixxew perijodu protettiv legali ta' leave ta' biss tmien ġimgħat. Il-leave tal-maternità addizzjonali kien limitat għall-perijodu sakemm il-wild jagħlaq sitt xhur. Fil-kawża preżenti pereżempju, il-perijodu legali stabbilit ta' leave tal-maternità huwa ta' 16-il ġimgħa. Il-leave addizzjonali jista' jiġi estiż sa sentejn.

48. Għalhekk, fuq ċertu livell ta' analiżi, dawn iż-żewġ oqsfa differenti jistgħu, forsi xi ftit jew wisq mekkanikament, jintgħarfu. 8 ġimgħat flimkien ma' 6 xhur (jew fir-realtà pjuttost inqas) huma differenti minn 16-il ġimgħa flimkien ma', potenzjalment, sentejn. Approċċ bħal dan għall-kawża preżenti, madankollu, ma tantx jirrifletti x-xenarju legali u soċjali differenti tal-Unjoni llum.

49. L-ewwel nett, is-sentenza Hofmann ingħatat fi żmien meta ma kien hemm l-ebda *armonizzazzjoni fuq il-livell tal-Unjoni fir-rigward tal-leave tal-maternità u tal-leave parentali.* L-iżviluppi legali li għadda minnhom id-dritt tal-Unjoni f'dan il-qasam minn dakinhar ma jistgħux jiġu enfasizzati biżżejjed. Id-diskrezzjoni wiesgħa li kellhom l-Istati Membri fir-rigward tal-miżuri protettivi li għandhom jiġu adottati fir-rigward tat-tqala u tal-maternità, li ċertament kellhom rwol kruċjali fl-analiżi tal-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Hofmann[20], tnaqqset b'mod kunsiderevoli mill-adozzjoni tad-Direttiva 92/85. Din id-direttiva stabbilixxiet dritt għal-leave tal-maternità matul perijodu ta' mill-inqas 14-il ġimgħa qabel u/jew wara l-ħlas, b'perijodu mandatorju ta' ġimagħtejn; projbizzjoni ta' tkeċċija matul il-leave tal-maternità; u drittijiet tal-impjieg speċifiċi, inklużi ż-żamma ta' ħlas u/jew intitolament għal allowance adegwata[21].

50. Dawn id-drittijiet issaħħu iktar permezz tad-Direttiva 2006/54, li tipprevedi fl-Artikolu 15 tagħha li mara li tkun bil-leave tal-maternità għandha tkun intitolata, wara li dan il-leave jintemm, "li terġa' lura għall-impjieg tagħha jew għal kariga ekwivalenti b'termini u b'kondizzjonijiet li m'humiex inqas favorevoli għaliha u li għadha tibbenifika minn kwalunkwe titjib fil-kondizzjonijiet tax-xogħol li għalihom kien ikollha d-dritt matul l-assenza tagħha".

51. It-tieni nett, il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja evolvew b'mod kunsiderevoli lejn li jirrikonoxxu *l-ugwaljanza tal-irġiel u tan-nisa fl-irwol tagħhom ta' ġenituri.*

[20] Sentenza tat-12 ta' Lulju 1984, Hofmann (184/83, EU:C:1984:273, punt 27).

[21] L-Artikoli 8 sa 11 tad-Direttiva 92/85. Ara wkoll, fir-rigward ta' benefiċċji tal-maternità għal ħaddiema nisa li jaħdmu għal rashom, l-Artikolu 8 tad-Direttiva 2010/41/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2010 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa li jeżerċitaw attività li fiha jaħdmu għal rashom u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 86/613/KEE (ĠU 2010, L 180, p. 1), li wkoll jikkontempla tul ta' mill-inqas 14-il ġimgħa.

52. Sa mis-snin disgħin, il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja ta' spiss irrepetiet li l-pożizzjoni ta' ommijiet u missirijiet li jaħdmu hija paragunabbli fir-rigward *tal-istatus ta' ġenitur u l-kura tat-tfal*[22]. Dawn is-sitwazzjonijiet jinkludu, pereżempju, il-ħtieġa li ħaddiema rġiel u nisa jnaqqsu l-ħin tax-xogħol ta' kuljum sabiex jieħdu ħsieb uliedhom[23], jew il-ħtieġa tagħhom li jużaw faċilitajiet ta' skola preprimarja meta jkunu f'impjieg[24].

53. Dan l-iżvilupp lejn ugwaljanza bejn ħaddiema rġiel u nisa fl-irwol parentali tagħhom ġie msaħħaħ progressivament mil-leġiżlatur tal-Unjoni permezz, b'mod partikolari, tar-regoli dwar id-dritt għal-leave parentali. Dan id-dritt, distint mill-leave tal-maternità, li jista' jitgawda kemm mill-irġiel kif ukoll min-nisa mingħajr distinzjoni, ġie introdott permezz tad-Direttiva 96/34, bil-għan, fost oħrajn, li jippromwovi l-parteċipazzjoni tan-nisa fil-ħajja tax-xogħol[25] u li tinkoraġġixxi lill-irġiel li jassumu sehem ugwali tar-responsabbiltajiet tal-ħajja familjari[26]. Barra minn hekk, id-dritt għal-leave parentali ġie mmodifikat progressivament, sabiex jinċentiva lill-irġiel sabiex jużaw din il-possibbiltà, permezz tad-Direttiva 2010/18 kif ukoll permezz tad-Direttiva 2019/1158 riċenti, fejn il-leġiżlatur tal-Unjoni konsistentement u ripetutament jenfasizza l-ħtieġa li jissaħħaħ l-irwol tal-irġiel fit-teħid ta' responabbilitajiet parentali[27]. Din l-aħħar direttiva, li tenfasizza l-fatt li l-iżbilanċ fit-tfassil tal-politiki dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata bejn n-nisa u l-irġiel isaħħah l-isterjotipi tas-sessi[28], introduċiet ukoll dritt għal-leave tal-paternità ta' 10 ijiem ta' xogħol[29].

54. Finalment, in-natura fundamentali tal-protezzjoni tal-ħaddiema matul perijodi ta' leave konnessi mat-twelid u mal-kura ta' wliedhom ġiet "ikkostituzzjonalizzata", peress li l-Artikolu 33(2) tal-Karta jiddikjara li "[s]abiex wieħed jirrikonċilja l-ħajja tal-familja u l-ħajja professjonali, kull persuna għandha d-dritt għall-protezzjoni mit-tkeċċija għal xi raġuni konnessa mal-maternità, u d-dritt għal leave tal-maternità mħallas u għal leave parentali wara t-twelid jew l-adozzjoni ta' tifel jew tifla".

55. Fid-dawl ta' dawn l-iżviluppi kollha, insibha diffiċli li nsostni li l-biċċa l-kbira tal-leġiżlazzjoni soċjali u tal-ġurisprudenza tal-Unjoni msemmija hawn fuq, li parzjalment jirriflettu bidliet soċjali profondi fl-Ewropa u li parzjalment iħeġġu huma nfushom bidliet soċjali bħal dawn, ma għandhiex l-amibzzjoni li tbiddel b'xi mod jew ieħor id-diviżjoni ta' responsabbiltà (tradizzjonali) bejn il-ġenituri[30]. Dan forsi mhux billi tibdel tradizzjoni waħda b'oħra, iżda pjuttost billi tfittex li tipprovdi mill-anqas ċertu grad ta' għażla għall-ġenituri meta jagħmlu tip ta' deċiżjonijiet bħal dawn, u tneħħi, sa fejn huwa possibbli, l-inċentivi ekonomiċi li ppetrifikaw ċerti konvenzjonijiet soċjali stabbiliti f'liġi.

22 Kif innotat fil-konklużjonijiet fil-kawża Instituto Nacional de la Seguridad Social (Suppliment għall-pensjoni għall-ommijiet) (C-450/18, EU:C:2019:696, punti 37 u 38), b'riferiment, b'mod partikolari, għas-sentenzi tal-25 ta' Ottubru 1988, Il-Kummissjoni vs Franza (312/86, EU:C:1988:485, punt 14); tad-29 ta' Novembru 2001, Griesmar (C-366/99, EU:C:2001:648, punt 56); tas-26 ta' Marzu 2009, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja (C-559/07, mhux ippubblikata, EU:C:2009:198, punt 69); u tas-16 ta' Lulju 2015, Maïstrellis (C-222/14, EU:C:2015:473, punt 47).

23 Sentenza tat-30 ta' Settembru 2010, Roca Álvarez (C-104/09, EU:C:2010:561, punt 24).

24 Sentenza tad-19 ta' Marzu 2002, Lommers (C-476/99, EU:C:2002:183, punt 30).

25 Kunsiderazzjoni ġenerali 7 tal-Ftehim qafas fuq il-leave tal-ġenituri, anness mad-Direttiva 96/34.

26 Kunsiderazzjoni ġenerali 8 tal-Ftehim qafas fuq il-leave tal-ġenituri, anness mad-Direttiva 96/34.

27 Ara l-premessa 12 tad-Direttiva 2010/18 u l-premessi 6 u 12 tad-Direttiva 2019/1158.

28 Premessa 11.

29 Premessa 19 u l-Artikolu 4.

30 Kuntrast iktar 'il fuq, punt 41.

56. Ikkunsidrata f'kuntest daqshekk mibdul, il-loġika u l-ispirtu tas-sentenza Hofmann, ċertament jekk meħuda *verbatim* mingħajr ebda limiti u kjarifika oħra, tfakkarni xi ftit f'nannu mistieden għal attività soċjali mad-dixxendenti tiegħu fejn il-parteċipanti kollha, għalkemm iħobbu lil xulxin bħala prinċipju, iħossuhom maqtugħin b'mod stramb u mingħajr ħafna fuq xiex jitkellmu.

### *4. L-evoluzzjoni tas-sentenza Hofmann*

57. Għaldaqstant nemmen li huwa meħtieġ aġġornament kunsiderevoli fil-forma li tiġi llimitata l-portata tas-sentenza Hofmann. Mingħajr ma tiġi kkontestata l-qalba tat-test Hofmann, jekk din il-qalba kellha tiġi ddefinita bħala eċċezzjoni ta' maternità interpretata restrittivament, ma jistax jiġi sostnut li dan it-test għandu jinftiehem fis-sens li jfisser li *kwalunkwe* perijodu ta' leave mogħti sussegwentement għall-perijodu legali ta' leave tal-maternità għandu jitqies awtomatikament bħala perijodu ta' leave tal-maternità nnifsu li jiġġustifika l-esklużjoni kompleta ta' ħaddiema rġiel.

58. It-test Hofmann għandu jiġi ċċarat f'żewġ aspetti. L-ewwel nett, ir-relazzjoni bejn iż-żewġ kriterji tat-test għandha tiġi spjegata (a). It-tieni nett, għandhom jingħataw iktar indikazzjonijiet dwar l-elementi li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni mill-qrati nazzjonali sabiex jiddeterminaw jekk perijodu addizzjonali ta' leave jikkostitwixxix "miżura ta' protezzjoni" fir-rigward tal-maternità sabiex taqa' taħt l-Artikolu 28(1) tad-Direttiva 2006/54 (b).

#### *a) Żewġ kriterji, jew wieħed biss?*

59. It-test Hofmann huwa bbażat fuq il-leġittimità tal-għan protettiv tal-miżura inkwistjoni. Dan l-għan jingħad li huwa doppju: l-ewwel nett, "huwa leġittimu li tiġi żgurata l-protezzjoni tal-kundizzjoni bijoloġika ta' mara matul it-tqala u wara t-tqala sakemm il-funzjonijiet fiżjoloġiċi u mentali tagħha jkunu rritornaw għan-normal wara l-ħlas". It-tieni nett, huwa wkoll leġittimu "li tiġi protetta r-relazzjoni speċjali bejn mara u l-wild tagħha matul il-perijodu ta' wara t-tqala u l-ħlas, billi jiġi evitat li dik ir-relazzjoni tiġi mfixkla mill-piżijiet multipli li jirriżultaw mit-tiftix simultanju ta' impjieg" [31].

60. Fir-rigward ta' perijodi addizjonali ta' leave tal-maternità li jaqbżu l-perijodu legali ta' leave tal-maternità, il-protezzjoni tal-kundizzjoni bijoloġika tan-nisa tidher li titlef ir-rilevanza relattiva, filwaqt li l-kriterju ta' "relazzjoni speċjali bejn mara u l-wild tagħha" jikseb importanza bħala idoneju sabiex jiġġustifika kważi kull perijodu supplimentari ta' leave li jista' jkun esklużivament irriżervat għan-nisa.

61. Madankollu, fil-fehma tiegħi, b'mod partikolari t-tieni element tat-test Hofmann għandu jinqara b'kawtela u applikat restrittivament sabiex ma jsirx profezija li titwettaq waħedha. B'mod partikolari, meta tiġi applikata l-eċċezzjoni tal-maternità u tat-tqala tal-Artikolu 28(1) tad-Direttiva 2006/54 għal leave ta' assenza, iktar ma l-ulied huma permessi li jibqgħu

[31] Sentenza tat-12 ta' Lulju 1984, Hofmann (184/83, EU:C:1984:273, punt 25).

esklużivament ma’ ommhom, iktar ma tissaħħaħ din ir-relazzjoni “speċjali”, liema fatt ikompli jiġġustifika l-esklużjoni legali tal-missirijiet minn perijodi addizzjonali ta’ leave[32]. Żewġ elementi oħra għandhom jiġu enfasizzati f’dan ir-rigward.

62. L-ewwel nett, l-“eċċezzjoni tal-maternità” tal-Artikolu 28(1) tad-Direttiva 2006/54 hija eċċezzjoni. Għaldaqstant, għandha tiġi interpretata strettament[33]. Kif innotajt x’imkien ieħor, il-kunċett ta’ maternità jirrigwarda r-realtà bijoloġika speċifika li tagħmel lin-nisa u l-irġiel mhux komparabbli, u dan jirrestrinġi l-għan ta’ din il-protezzjoni speċjali mhux biss *ratione materiae*: *il-maternità* għandha tinftiehem b’mod ristrett u ma tistax tiġi ekwiparata mal-kunċetti iktar ġenerali ta’ *maternità u l-istat ta’ ġenitur*[34].

63. It-tieni nett, ġurisprudenza reċenti wriet li ż-żewġ kriterji tat-test Hofmann ma jistgħux jiġu kkunsidrati separatament bħala żewġ istanzi differenti u mhux konnessi li jiġġustifikaw l-applikazzjoni tal-Artikolu 28(1) tad-Direttiva 2006/54. Pjuttost, imorru id f’id. Barra minn hekk, din il-ġurisprudenza tidher li tagħti ċerta prevalenza lill-għan ta’ protezzjoni relatat mal-*kundizzjoni bijoloġika* tan-nisa.

64. Is-sentenza Roca Álvarez diġà indikat li l-protezzjoni tar-relazzjoni speċjali bejn l-omm u l-wild tagħha ma għandhiex tittieħed inkunsiderazzjoni bħala ġustifikazzjoni għall-applikazzjoni tal-“eċċezzjoni tal-maternità” meta niġu għall-evalwazzjoni ta’ miżuri dwar leave ta’ assenza ftit wara t-twelid ta’ wild. Dik il-kawża kienet tirrigwarda leave li seta’ jittieħed, f’diversi modi, matul l-ewwel disa’ xhur wara t-twelid ta’ wild, minn ommijiet impjegati, jew minn missirijiet impjegati, iżda biss jekk l-omm tkun persuna impjegata hija stess.

65. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li dan l-aħħar kriterju kien diskriminatorju. Hija qieset li l-fatt li l-evoluzzjoni tal-leġiżlazzjoni nazzjonali kienet firdet dan il-leave (magħruf popolarment fi Spanja bħala “leave għat-treddigħ”) mill-fatt bijoloġiku ta’ treddigħ kien jipprekludi konstatazzjoni li din il-miżura kienet tiżgura l-protezzjoni tal-kundizzjoni bijoloġika ta’ mara wara t-tqala. Hija qieset ukoll li l-fatt li dan il-leave infetaħ għall-missirijiet (għalkemm taħt kundizzjonijiet differenti minn dawk tal-ommijiet) kien jipprekludi l-konstatazzjoni li l-leave kien intiż li jiżgura l-protezzjoni tar-relazzjoni speċjali bejn l-omm u l-wild[35].

66. Eżempju ieħor li juri li l-kriterju dwar il-protezzjoni tal-konnessjoni speċjali bejn l-omm u l-wild tagħha ma jistax jinfired mill-protezzjoni tal-kundizzjoni tal-mara wara l-ħlas hija s-sentenza D. F’dik is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li “ħaddiema, bħala omm prospettiva li kellha tarbija permezz ta’ ftehim ma’ omm surrogata, ma taqax fil-kamp ta’ applikazzjoni tal-Artikolu 8 tad-Direttiva 92/85, inkluż meta hija tkun tista’ tredda’ din it-tarbija wara t-twelid jew meta tkun qiegħda effettivament tredda’ tali tarbija”[36]. Għaldaqstant, id-dritt

[32] Ara, għal analiżi kritika tas-sentenza Hofmann, Ellis, E. u Watson, P., *EU Anti-Discrimination Law*, it-Tieni Edizzjoni, Oxford University Press, Oxford, p. 398. Għal rendikont tal-kritika akademika tas-sentenza Hofmann f’dan ir-rigward, ara ukoll De la Corte-Rodríguez, M., *EU Law on Maternity and Other Child Related Leaves: Impact on Gender Equality*, Kluwer Law International, Alphen aan den Rijn, 2019, p. 236.

[33] Sentenza tal-15 ta’ Mejju 1986, Johnston (222/84, EU:C:1986:206, punt 44).

[34] Ara l-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Instituto Nacional de la Seguridad Social (Suppliment għall-pensjoni għall-ommijiet) (C-450/18, EU:C:2019:696, punt 48).

[35] Għandu jiżdied li l-argument tal-Gvern Spanjol imressaq f’dik il-kawża, li jgħid li l-omm kienet l-unika detentriċi tad-dritt għal-leave, u li l-missier seta’ biss “igawdih” (mingħajr ma jkun detentur ta’ tali dritt waħdu), ukoll ġie miċħud mill-Qorti tal-Ġustizzja. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat li argument bħal dan seta’ jipperpetwa d-distribuzzjoni tradizzjonali tar-rwoli tal-irġiel u tan-nisa billi jżomm l-irġiel fi rwol sussidjarju għal dak tan-nisa b’rabta mal-eżerċizzju tad-dmirjiet parentali tagħhom. Sentenza tat-30 ta’ Settembru 2010, Roca Álvarez (C-104/09, EU:C:2010:561, punti 29 sa 31 u 36).

[36] Sentenza tat-18 ta’ Marzu 2014, D. (C-167/12, EU:C:2014:169, punt 40). Il-filosofija li fuqha hija bbażata dik is-sentenza tidher li titbiegħed minn sentenzi iktar qodma, fejn il-kundizzjoni li tkun mara kienet tingħata piż partikolari. Ara, f’kuntest differenti, is-sentenza tas-26 ta’ Ottubru 1983, Il-Kummissjoni vs L-Italja (163/82, EU:C:1983:295, punt 16).

għal-leave tal-maternità, taħt id-Direttiva 92/85, tidher li hija, fil-biċċa l-kbira, konessa mal-għan li tipproteġi "s-saħħa tal-omm tat-tarbija fis-sitwazzjoni speċifika ta' vulnerabbiltà li tirriżulta mit-tqala tagħha" u għalkemm il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-leave tal-maternità huwa intiż ukoll li jiżgura li r-relazzjoni speċjali bejn mara u l-wild tagħha hija protetta, "dan l-għan […] jikkonċerna madankollu biss il-perijodu wara 't-tqala u l-ħlas'" [37].

67. Fil-qosor, għalhekk, qiegħda tiġi suġġerita kjarifika doppja tas-sentenza Hofmann. L-ewwel nett, iż-żewġ elementi msemmija fis-sentenza Hofmann ma għandhomx jinqraw bħala żewġ "kriterji" indipendenti, iżda pjuttost bħala żewġ naħat tal-istess munita. Il-protezzjoni tar-relazzjoni speċjali bejn l-omm u l-wild ma tistax tiġġustifika, fiha nnifisha u indipendentement mill-ħtiġijiet tal-għan konnessi mal-kundizzjoni bijoloġika tan-nisa, kwalunkwe perijodu estiż ta' leave supplimentari għal-leave tal-maternità legali. It-tieni nett, kwlaunkwe leave addizzjonali mogħti lil hinn mil-leave tal-maternità legali għandu jkun, bħal kull invokazzjoni oħra tal-"eċċezzjoni tal-maternità", suġġett għal interpretazzjoni stretta.

68. Dan kollu qiegħed jintqal mingħajr ma jintefa' dubju fuq il-fatt li tfal żgħar jeħtieġu kura speċjali u protezzjoni, u li ġeneralment teżisti rabta partikolari ma' ommhom. Madnakollu, il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament jirrikjedi li l-liġi tippermetti kull familja *li tagħżel* kif ir-responsabbiltajiet u l-kura u t-trobbija ta' wild ser jinqasmu *lil hinn mill-perijodu tal-leave tal-maternità*. Fi kliem ieħor, "huwa possibbli għall-liġi li tipproteġi l-omm u l-wild filwaqt li tikkonċedi li, wara ċertu perijodu ta' żmien, il-kura maternali fil-perijodu ta' wara l-ħlas jista' u għandu jevolvi f'każ sempliċi ta' kura minn wieħed mill-ġenituri" [38] [traduzzjoni libera].

### *b) L-elementi li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni*

69. L-għan li tiġi protetta l-kundizzjoni bijoloġika tan-nisa u r-relazzjoni speċjali bejn l-omm u l-wild, kif interpretata fit-taqsima preċedenti ta' dawn il-konklużjonijiet, għalhekk jibqa' l-punt tat-tluq. Liema elementi għandhom jittieħdu inkusiderazzjoni meta jiġi evalwat jekk miżura hijiex fil-fatt miżura ta' protezzjoni ġenwinament konnessa ma' tali għan?

70. Meta qrati nazzjonali jeżaminaw jekk perijodi ta' leave addizzjonali mogħtija wara t-twelid ta' wild jistgħux jiġu rriżervati għan-nisa abbażi tal-Artikolu 28(1) tad-Direttiva 2006/54, għandhom imorru lil hinn mis-sempliċi denominazzjoni. Mhux biss kwalunkwe perijodu addizzjonali ta' leave bl-isem ta' "leave tal-maternità estiż" jista' jkun leġittimament irriżervat esklużivament għan-nisa billi tiġi invokata, b'mod ġenerali, ir-rabta speċjali bejn l-omm u l-wild. Għaldaqstant qrati nazzjonali għandhom jikkunsidraw l-elementi oġġettivi kollha ta' tali leave addizzjonali, konnessi, b'mod partikolari, ma' (i) il-kundizzjonijiet għall-intitolament għal-leave, (ii) it-tul u l-modalitajiet ta' tgawdija tiegħu, u (iii) il-protezzjoni legali konnessa ma' dak il-perijodu ta' leave.

71. L-ewwel nett, fir-rigward tal-*kundizzjonijiet għal intitolament*, l-elementi li jistgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni mill-qrati nazzjonali taħt din it-taqsima huma, pereżempju, jekk il-leave jingħatax mingħajr rekwiżiti preċedenti fir-rigward tal-perijodi ta' servizz; jekk il-leave jingħatax lin-nisa kollha jew jekk għandux jintalab bil-quddiem permezz ta' notifika lill-persuna li timpjega u huwiex suġġett għal approvazzjoni; jew jekk hemmx kundizzjonijiet oħra relatati ma' obbligi li wieħed jirritorna għax-xogħol. Kundizzjonijiet ta' dan it-tip jintroduċu kunsiderazzjonijiet li ma humiex relatati mal-għan ta' protezzjoni tal-leave supplimentari. Huma jissuġġerixxu li l-perijodu

[37] Sentenza tat 18 ta' Marzu 2014, D. (C-167/12, EU:C:2014:169, punti 35 u 36).

[38] O'Leary, S., *Employment Law at the European Court of Justice. Judicial Structures, Policies and Processes*, Hart Publishing, Oxford – Portland Oregon, 2002, p. 219.

addizzjonali ta' leave ma huwiex marbut fih innifsu mal-għan tal-protezzjoni tal-kundizzjoni bijoloġika tan-nisa u tar-relazzjoni speċjali bejn l-omm u l-wild, peress li n-nuqqas li jiġu ssodisfatti tali kundizzjonijiet jista' jċaħħad lin-nisa, li l-kundizzjoni bijoloġika u r-relazzjoni speċjali tagħhom ma' wliedhom jistħoqqilhom ukoll protezzjoni, mit-tgawdija tal-leave.

72. It-tieni nett, fir-rigward *it-tul u l-modalitajiet ta' tgawdija* tal-leave, xi kriterji li jistgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni jinkludu, pereżempju, il-flessibbiltà li bih jista' jittieħed il-leave (wara perijodu li wieħed ikun mar lura għax-xogħol, jew fuq bażi part-time); jew il-possibbiltà li wieħed jagħżel perijodi ta' leave ta' tul differenti. B'mod partikolari, tali possibbiltajiet ta' flessibbilità jindikaw konnessjoni inqas mal-għan imsemmi iktar 'il fuq, bħalma jagħmel tul relattiv tal-leave li jeċċedi b'mod kunsiderevoli l-perijodu legali ta' leave tal-maternità applikabbli b'mod ġenerali.

73. L-element ewlieni taħt din it-taqsima huwa naturalment it-tul innifsu. Il-leġiżlatur tal-Unjoni rrikonoxxa li l-Istati Membri jgawdu minn marġni ta' diskrezzjoni fid-determinazzjoni tat-tul tal-leave tal-maternità. Skont l-Artikolu 8 tad-Direttiva 92/85, il-perijodu ta' leave li għandu jingħata qabel u wara l-ħlas huwa *mill-inqas* 14-il ġimgħa. Kif il-Gvern Franċiż innota ġustament, il-fatt li leġiżlazzjoni tagħti lin-nisa leave tal-maternità ta' iktar minn 14-il ġimgħa ma jippreskludix li dan il-leave jitqies bħala leave tal-maternità msemmi fl-Artikolu 8 tad-Direttiva 92/85[39]. Fuq din il-bażi, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li perijodi li jaqbżu l-14-il ġimgħa mandatorji, bħall-perijodu ta' 16-il ġimgħa fi Spanja, kif kien il-każ fis-sentenza Betriu Montull, huma wkoll "intiż[i] sabiex [j]ipproteġ[u] l-kundizzjoni bijoloġika tal-mara matul it-tqala u matul il-perijodu ta' warajha"[40].

74. Naturalment ma hijiex il-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tistabbilixxi numru fiss ta' ġimgħat jew xhur. Wara kollox, il-kwistjoni tat-tul tal-leave tal-maternità hija ċertament kwistjoni ta' politika kumplessa li fiha jeżistu disparitajiet nazzjonali enormi[41], u fejn anki l-istituzzjonijiet tal-Unjoni qiesu li perijodu ta' 14-il ġimgħa huwa qasir wisq[42]. Madankollu, dan ma għandux ifisser li kwalunkwe perijodu ta' leave jista' jiġi riżervat għall-ommijiet, bl-esklużjoni tal-missirijiet, sempliċiment abbażi tar-relazzjoni speċjali bejn l-omm u l-wild meta l-ħtieġa oġġettiva għal protezzjoni bijoloġika tan-nisa tkun għebet. Għalhekk, bħala regola ġenerali, iktar ma jkun twil il-perijodu, iktar ikun diffiċli li jiġi ġġustifikat li l-aċċess għal dan il-leave addizzjonali jiġi riżervat għan-nisa biss.

75. It-tielet nett, fir-rigward tal-*protezzjoni legali* marbuta mal-leave, essenzjalment il-kwistjoni hija jekk din il-protezzjoni tikkorrispondix mal-protezzjoni minima ggarantita mid-dritt tal-Unjoni matul il-perijodu legali ta' leave tal-maternità.

76. Fil-fatt, miżuri koperti bl-Artikolu 28(1) tad-Direttiva 2006/54 għandhom b'mod imperattiv ikunu "dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni tan-nisa". F'dan ir-rigward, ninnota li l-protezzjoni tan-nisa permezz tal-leave tal-maternità kienet is-suġġett ta' armonizzazzjoni fid-Direttivi 92/85 u 2006/54[43]. Għaldaqstant, irrispettivament mill-marġni ta' diskrezzjoni tal-Istati Membri sabiex

[39] Sentenza tas-16 ta' Ġunju 2016, Rodríguez Sánchez (C-351/14, EU:C:2016:447, punt 46), li għamlet riferiment għas-sentenza tad-19 ta' Settembru 2013, Betriu Montull (C-5/12, EU:C:2013:571, punti 45 u 46).

[40] Sentenza tad-19 ta' Settembru 2013, Betriu Montull (C-5/12, EU:C:2013:571, punti 63 u 64). Iżda ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Wathelet fil-kawża Betriu Montull (C-5/12, EU:C:2013:230, punti 71 u 72).

[41] Bħala illustrazzjoni, ara pereżempju Koslowski, A., Blum, S., Dobrotić, I., Macht, A., u Moss, P., (2019) *International Review of Leave Policies and Related Research 2019*. Disponibbli f': https://www.leavenetwork.org/annual-review-reports/

[42] Ara, pereżempju, il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 92/85/KEE (COM(2008)600/4) (abbandunata), fejn il-Kummissjoni pproponiet li testendi t-tul minimu tal-leave tal-maternità minn 14 għal 18-il ġimgħa.

[43] Bid-drittijiet esposti iktar 'il fuq fil-punti 49 u 50 ta' dawn il-konklużjonijiet marbuta ma' dan il-perijodu.

jipprevedu perijodi itwal ta' leave tal-maternità, dawn il-perjodi itwal jistgħu jkunu rriżervati esklużivament għan-nisa biss, skont l-Artikolu 28(1) tad-Direttiva 2006/54, jekk, minbarra t-teħid inkunsiderazzjoni tal-elementi deskritti iktar 'il fuq, id-drittijiet mogħtija lin-nisa matul dawn il-perijodi jikkonformaw mal-protezzjoni minima meħtieġa mid-dritt tal-Unjoni fil-qasam tal-leave tal-maternità.

77. Fil-fatt, il-leave tal-maternità, mhux talli ma jiġix irrikonoxxut bħala sempliċi eċċezzjoni għall-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament, iżda huwa rrikonoxxut bħala dritt, u għalhekk, jingħad li jikkostitwixxi element ta' ugwaljanza sostanzjali. Għal dan il-għan, id-Direttiva 92/85 (flimkien mal-Artikolu 15 tad-Direttiva 2006/54) tistabbilixxi rekwiżiti minimi li miżura, bħal perijodu ta' leave tal-maternità, għandha tissodisfa sabiex titqies bħala "miżura ta' protezzjoni".

78. Għaldaqstant, perijodi addizzjonali ta' leave li jaqbżu t-tul tal-leave tal-maternità legali, iżda li ma jiggarantixxux din il-protezzjoni minima, bil-kemm jistgħu jitqiesu bħala "miżuri ta' protezzjoni" tal-maternità. Minflok, perijodi estiżi ta' leave irriżervati esklużivament għan-nisa li ma humiex akkumpanjati mid-dritt għaż-żamma tal-paga jew għal allowance adegwata, jew li ma joffrux protezzjoni kontra t-tkeċċija jew il-garanizja li wieħed jerġa' jiġi inkorporat f'pożizzjoni simili għal dik li jkun okkupa qabel il-leave, intrinsikament tpoġġi fuq in-nisa piż doppju. L-ewwel nett, peress li ommijiet biss ikunu jistgħu jibbenefikaw minn leave bħal dan, ġeneralment b'kundizzjonijiet iktar favorevoli mil-leave parentali eventwalment għad-dispożizzjoni tal-missirijiet, huma jistgħu jħossuhom kostretti li jipposponu iktar ir-ritorn tagħhom għax-xogħol. It-tieni nett, leave estiż, li ma jkunx akkumpanjat minn garanziji minimi msemmija iktar 'il fuq, mhux biss iwassal għad-deterjorament tal-pożizzjoni finanzjarja ta' ħaddiema nisa, iżda jipperikola wkoll id-drittijiet u l-protezzjoni tagħhom mar-ritorn tagħhom fis-suq tax-xogħol, u b'hekk jikser il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament.

79. Fl-aħħar nett, lil hinn mid-diskussjoni fuq l-Artikolu 28(1) tad- Direttiva 2006/54, l-Artikolu 3 ta' din id-direttiva, li, skont l-Artikolu 157(4) TFUE, jippermetti lill-Istati Membri jadottaw miżuri ta' azzjoni pożittiva, ma jistax iwassal għal konklużjoni differenti. Għandha titfakkar il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fi kwistjonijiet simili: il-fatt li perijodi estiżi ta' leave jiġu rriżervati għan-nisa bil-għan li jkunu jistgħu jrabbu lil uliedhom (anki mingħajr ma tiġi miċħuda r-relazzjoni speċjali bejn l-omm u l-wild), mhux talli ma jiżgurax ugwaljanza sħiħa fil-prattika bejn in-nisa u l-irġiel fil-ħajja tax-xogħol, iżda jipperpetwa d-distribuzzjoni tradizzjonali tar-rwoli tal-irġiel u tan-nisa billi jżomm l-irġiel fi rwol sussidjarju għal dak tan-nisa b'rabta mal-eżerċizzju tad-dmirjiet parentali tagħhom [44].

80. Fil-qosor, sabiex jaqa' taħt l-Artikolu 28(1) tad-Direttiva 2006/54, perijodu addizzjonali ta' leave għandu jkun ġenwinament konness mal-għan konġunt li jiġu stabbiliti miżuri ta' protezzjoni relatati mal-kundizzjoni bijoloġika tal-mara wara l-ħlas u r-relazzjoni speċjali tagħha mal-wild, filwaqt li tingħata l-kunsiderazzjoni dovuta lil, fost oħrajn, (i) il-kundizzjonijiet għall-intitolament għal-leave; (ii) it-tul u l-modalitajiet għat-tgawdija ta' tali leave; u (iii) il-protezzjoni legali marbuta miegħu.

[44] Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tad-19 ta' Marzu 2002, Lommers (C-476/99, EU:C:2002:183, punt 41), u Roca Álvarez (C-104/09, EU:C:2010:561, punt 36); kif ukoll is-sentenza tas-16 ta' Lulju 2015, Maïstrellis (C-222/14, EU:C:2015:473, punt 50).

### 5. *Il-kawża preżenti*

81. Il-Gvern Franċiż u ċ-CPAM sostnew, billi jibbażaw ruħhom fuq il-konstatazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Hofmann[45], li l-Artikolu 46 taċ-CCN jaqa' taħt l-eċċezzjoni tal-Artikolu 28(1) tad-Direttiva 2006/54. B'mod partikolari, il-Gvern Franċiż jargumenta li l-leave previst fl-Artikolu 46 taċ-CCN ġie kkonċepit minn imsieħba soċjali bħala leave tal-maternità addizzjonali u mhux bħala leave intiż li jiżgura l-edukazzjoni ta' tfal li seta' jittieħed miż-żewġ ġenituri.

82. L-ewwel nett, dan jirriżulta mill-kliem tal-Artikolu 46 taċ-CCN, li huwa intiż bħala estensjoni tal-leave tal-maternità rregolat fl-Artikolu 45 taċ-CCN. Il-Gvern Franċiż jargumenta li kemm l-Artikolu 45 ukif ukoll l-Artikolu 46 taċ-CCN jistgħu jitqiesu bħala perijodu uniku ta' leave, li huwa itwal, iktar favorevoli għall-impjegati nisa, u li huwa konformi mar-rekwiżiti tad-Direttiva 92/85. Min-natura komplementari taż-żewġ perijodi ta' leave jista' jiġi dedott li l-imsieħba soċjali kellhom l-għan li jipproteġu l-kundizzjoni bijoloġika tan-nisa fil-perijodu ta' wara t-tqala għal tul itwal mill-perijodu legali ta' leave, sabiex ikunu jistgħu jirritornaw għax-xogħol ladarba s-sitwazzjoni ta' vulnerabbiltà tagħhom tkun intemmet definittivament.

83. It-tieni nett, il-Gvern Franċiż sostna li d-dispożizzjonijiet taċ-CCN jagħmlu differenza ċara bejn tipi ta' leave differenti (maternità, paternità, adozzjoni) u li l-Artikolu 46 jaqa' taħt kapitolu intitolat "leave tal-maternità". Finalment, dan il-Gvern jenfasizza li din il-konklużjoni ġiet ikkonfermata minn sentenza tal-Cour de cassation (il-Qorti ta' Kassazzjoni, Franza)[46]. F'dik is-sentenza, huwa ddikjarat li l-leave skont l-Artikolu 46 taċ-CCN għandu l-għan li jipproteġi r-relazzjoni partikolari bejn mara u l-wild tagħha matul il-perijodu wara t-tqala u l-ħlas.

84. It-tielet nett, il-Gvern Franċiż jinnota wkoll, għalkemm f'kuntest differenti, li fis-sentenza Thibault, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà qieset dan il-leave bħala leave tal-maternità[47].

85. Min-naħa l-oħra, iċ-CFTC, il-Gvern Portugiż u l-Kummissjoni essenzjalment sostnew li d-Direttiva 2006/54 għandha tiġi interpretata fis-sens li dispożizzjoni bħall-Artikolu 46 taċ-CCN hija diskriminatorja.

86. B'mod partikolari, iċ-CFTC issostni li l-Artikolu 46 taċ-CCN ma huwiex marbut ma' kunsiderazzjonijiet fiżjoloġiċi relatati mal-omm, kuntrarju għall-Artikolu 45 taċ-CCN, li jirreferi għas-16-il ġimgħa ta' leave tal-maternità legali. Għall-kuntrarju, iċ-CFTC issostni li l-leave skont l-Artikolu 46 taċ-CCN għandu l-għan li jippermetti lill-omm trabbi l-wild. Barra minn hekk, iċ-CFTC tenfasizza li l-Artikolu 46 taċ-CCN jipprevedi tliet xhur ta' paga sħiħa sakemm l-omm trabbi l-wild waħedha jew sakemm is-sieħeb tagħha ma jkollux riżorsi. Dawn il-kunsiderazzjonijiet lanqas ma huma marbuta mal-kundizzjoni fiżjoloġika tan-nisa. Iċ-CFTC għalhekk tqis li l-applikazzjoni tal-Artikolu 46 taċ-CCN miċ-CPAM tammonta għal diskriminazzjoni, peress li impjegati rġiel u nisa, missirijiet u ommijiet, huma ugwalment responsabbli sabiex jedukaw lil uliedhom[48].

45 Sentenza tat-12 ta' Lulju 1984, Hofmann (184/83, EU:C:1984:273).

46 Sentenza tal-21 ta' Settembru 2017 Nru 16-16246, FR:CCASS:2017:SO01962.

47 Sentenza tat-30 ta' April 1998, Thibault (C-136/95, EU:C:1998:178, punt 12).

48 F'ġieħ il-kompletezza, jista' jiġi nnotat li ċ-CFTC argumentat ukoll li l-Artikolu 46 taċ-CCN jintroduċi diskriminazzjoni abbażi ta' filjazzjoni, peress li l-Artikolu 46a taċ-CCN, li jagħti leave simili għal dak tal-Artikolu 46 lil kemm missirijiet u ommijiet ta' wlied adottivi. Għaldaqstant, il-wild adottiv jista' jibbenefika mill-preżenza ta' missieru jew ommu, filwaqt li l-wild leġittimu jew naturali jista' jibbenefika mill-preżenza ta' missierhom. Madankollu, ma nqis neċessarju, fid-dawl tal-ambitu fattwali ta' din il-kawża u l-analiżi mwettqa iktar 'il fuq fir-rigward tad-Direttiva 2006/54, li niddiskuti dan il-punt partikolari.

87. Il-Kummissjoni sostniet li l-leave rregolat mill-Artikolu 46 taċ-CCN jikkorrispondi għal leave parentali. Hija indikat ukoll li dispożizzjonijiet li jirriżervaw leave parentali għan-nisa għandhom effett pervers doppju. Minn naħa, iqiegħdu l-piż fuq in-nisa li jinterrompu l-karriera professjonali tagħhom għal perijodu twil sabiex jieħdu ħsieb uliedhom, b'konsegwenzi magħrufa sew (progress professjonali iktar bil-mod, salarji iktar baxxi, kif ukoll, drittijiet għall-pensjoni iktar baxxi). Min-naħa l-oħra, dawn jipprekludu lill-missirijiet milli jieħdu rwol fit-trobbija ta' wliedhom, u għalhekk jipperpetwaw ir-rwoli tradizzjonali.

88. Li kieku l-Qorti tal-Ġustizzja kellha ssegwi l-approċċ issuġġerit f'dawn il-konklużjonijiet, ikun għall-qorti tar-rinviju li twettaq analiżi fid-dawl tal-kriterji deskritti iktar 'il fuq fil-punti 69 sa 80 ta' dawn il-konklużjonijiet, sabiex tevalwa jekk il-leave addizzjonali inkwistjoni huwiex ġenwinament konness mal-għan li jiġu stabbiliti miżuri ta' protezzjoni relatati mal-kundizzjoni bijoloġika ta' mara wara l-ħlas u r-relazzjoni speċjali tagħha mal-wild, sabiex ikun jaqa' (b'mod sħiħ) taħt l-eċċezzjoni tal-Artikolu 28(1) tad-Direttiva 2006/54.

89. Fir-rigward tal-argumenti ppreżentati lill-Qorti tal-Ġustizzja fil-proċedura preżenti, nosserva biss dan li ġej.

90. L-ewwel nett, l-argumenti testwali u pjuttost formali li fuqhom ibbażaw ruħhom il-Gvern Franċiż u ċ-CPAM, fejn jenfasizzaw li l-isem tal-kapitolu tal-ftehim kollettiv li taħtu jaqgħu kemm l-Artikolu 45 u l-Artikolu 46 taċ-CCN huwa intitolat "leave tal-maternità", u l-konnessjoni li hemm bejn dawn id-dispożizzjonijiet, ma għandhom ebda piż taħt id-dritt tal-Unjoni. L-eżami kollu huwa wieħed ta' sustanza, mhux wieħed ta' ismijiet formali. Li kieku argument bħal dan kellu jkun ta' rilevanza, ikun biżżejjed għal kwalunkwe strument legali jew ftehim kollettiv li sempliċiment isemmi kull tip ta' leave bħala leave tal-maternità sabiex ikun kopert mill-Artikolu 28(1) tad-Direttiva 2006/54, li jirrendi l-għażliet soċjali magħmula fil-ħamsinijiet kważi insormontabbli.

91. It-tieni nett, l-argument tal-Gvern Franċiż li jinvoka s-sentenza Thibault bħala konferma li l-Qorti tal-Ġustizzja diġà kklassifikat l-Artikolu 46 taċ-CCN bħala leave tal-maternità ġġorr saħansitra inqas piż. Il-punt tas-sentenza ċċitat mill-Gvern Franċiż jappartjeni għall-fatti deskritti fis-sentenza, u mhux għar-raġunament legali u għall-evalwazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja [49]. Barra minn hekk, fid-dawl tal-fatt li l-kwistjonijiet ta' dritt li s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja kienet ikkonċernata bihom kienu differenti, u li n-natura tal-Artikolu 46 taċ-CCN ma ġietx diskussa mill-Qorti tal-Ġustizzja, referenza bħal din ma żżid xejn għall-finijiet tal-kawża preżenti [50].

92. It-tielet u l-aħħar nett, fir-rigward tal-kriterji deskritti fit-taqsima preċedenti, mill-informazzjoni limitata li għandha l-Qorti tal-Ġustizzja, jista' jiġi nnotat li l-Artikolu 46 taċ-CCN, meta jitqies fl-intier tiegħu, jippermetti leave addizzjonali ta' tul pjuttost varjabbli. Dan jista' jvarja minn xahar u nofs sa sena, bil-possibbiltà li jiġi estiż għal sena oħra. Għaldaqstant, din

[49] Sentenza tat-30 ta' April 1998, Thibault (C-136/95, EU:C:1998:178, punt 12). Dak il-paragrafu jaqra hekk "E. Thibault [...] ħadet il-leave tal-maternità mit-13 ta' Ġunju sal-1 ta' Ottubru 1983, skont l-Artikolu 45 tal-ftehim kollettiv, segwit minn leave tal-maternità b'nofs paga mit-3 ta' Ottubru sas-16 ta' Novembru 1983 skont l-Artikolu 46 tal-ftehim kollettiv". Il-kawża kienet tikkonċerna d-dritt ta' impjegati li jkollhom il-prestazzjoni evalwata kull sena sabiex jikkwalifikaw għall-promozzjoni prevista taħt id-dritt nazzjonali, li ġiet miċħuda lil E. Thibault fir-rigward tal-perijodu li fih kienet fuq leave tal-maternità skont l-Artikoli 45 u 46 taċ-CCN. Bara minn hekk, l-Artikolu 46 taċ-CCN, kif iċċitat fil-punt 7 ta' dik is-sentenza, irreferiet biss għal "leave ta' tliet xhur b'nofs paga jew leave ta' xahar u nofs b'paga sħiħa".

[50] Għall-kuntrarju, l-argument tal-Gvern Franċiż ikun moqdi aħjar permezz ta' riferiment għall-punt 21 tal-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Ruiz-Jarabo Colomer fil-kawża Thibault (C-136/95, EU:C:1997:2), li, billi semma' u bbaża ruħu fuq is-sentenza Hofmann, innota li l-leave tal-maternità taħt il-ftehim kollettiv Franċiż fil-fatt huwa maqsum bejn l-Artikolu 45 u l-Artikolu 46 taċ-CCN. Madankollu, l-imgħallem Avukat Ġenerali nnota wkoll li dik il-kawża fil-fatt kienet tikkonċerna kwistjoni differenti, li mbagħad dar fuqha.

id-dispożizzjoni tippermetti leave li, fil-modalità iktar estiż tiegħu, jeċċedi b'mod kunsiderevoli l-perijodu legali ta' leave irregolat mill-Artikolu L 1225-17 tal-Kodiċi tax-Xogħol, li jirreferi għalih l-Artikolu 45 taċ-CCN. Barra minn hekk, għalkemm id-dritt li terġa' tiddaħħal fl-impjieg preċedenti tagħha huwa ggarantit matul l-ewwel sena tal-leave estiż, il-paga sħiħa hija ggarantita biss matul l-ewwel xahar u nofs, bil-possibbiltà li l-paga sħiħa tinżamm għal tliet xhur skont jekk l-omm tkunx waħedha jew skont ir-riżorsi tas-sieħeb tagħha.

93. Dawn l-elementi jissuġġerixxu li l-Artikolu 46 taċ-CCN, ikkunsidrat fl-intier tiegħu u fid-dawl, b'mod partikolari, tal-modalitajiet ta' tgawdija tal-leave, tal-perijodu pjuttost twil li għalih jista' jiġi estiż, u tal-protezzjoni legali limitata marbuta miegħu, jista' jiltaqa' ma' xi diffikultajiet sabiex jadatta ruħu għall-"eċċezzjoni tal-maternità" tal-Artikolu 28(1) tad-Direttiva 2006/54. Iżda din l-evalwazzjoni, fl-aħħar mill-aħħar, għandha fil-fatt titwettaq mill-qorti nazzjonali.

## V. Konklużjoni

94. Nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi kif ġej għad-domanda magħmula mill-Conseil de prud'hommes de Metz (il-Qorti Industrijali ta' Metz, Franza):

Id-Direttiva 2006/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' opportunatijiet indaqs u ta' trattament ugwali ta' l-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' impjiegi u xogħol, għandha tiġi interpretata fis-sens li sabiex ikun jaqa' taħt l-Artikolu 28(1) tad-Direttiva 2006/54, perijodu addizzjonali ta' leave wara l-perijodu legali ta' leave tal-maternità, irriżervat skont id-dritt nazzjonali għal ħaddiema nisa biss, għandu jkun ġenwinament konness mal-għan konġunt li jiġu stabbiliti miżuri ta' protezzjoni relatati mal-kundizzjoni bijoloġika tal-mara wara l-ħlas u r-relazzjoni speċjali tagħha mal-wild, filwaqt li jittieħdu debitament inkunsiderazzjoni, fost oħrajn, il-kundizzjonijiet għall-intitolament tal-leave; it-tul u l-modalitajiet ta' tgawdija ta' tali leave; u l-protezzjoni legali marbuta miegħu.